DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 68/2004

ta' l-4 ta' Mejju 2004

li testendi l-applikazzjoni ta' ċerti Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-Partijiet Kontraenti Ġodda u li temenda ċerti Annessi għall-Ftehim taż-ŻEE wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea

Il-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, min hawn il-quddiem "il-Ftehim taż-ŻEE" u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 128 tal-Ftehim taż-ŻEE jistipula li kull Stat Ewropew li jsir membru tal-Komunità għandu japplika biex jaderixxi mal-Ftehim taż-ŻEE, u li t-termini u l-kondizzjonijiet għal din il-parteċipazzjoni ser tkun soġġetta għal ftehim bejn il-Partijiet Kontraenti u l-Istat li jkun applika.

(2) Wara s-suċċess fil-konklużjoni tan-negozjati għat-tkabbir, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja ("Il-Partijiet Kontraenti Ġodda") ressqu l-applikazzjonijiet sabiex jaderixxu għall-Ftehim taż-ŻEE.

(3) Il-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika tas-Slovakkja fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE") ġie ffirmat fl-14 ta' Ottubru 2003 fil-Lussemburgu.

(4) Insegwitu għall-Artikolu 1(2) tal-Ftehim tat-Tkabbir ŻEE, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE adottati qabel l-1 ta' Novembru 2002, għandhom, mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehm tat-Tkabbir taż-ŻEE, jorbtu lill-Partijiet Kontraenti Ġodda taħt l-istess kondizzjonijiet bħal tal-Partijiet Kontraenti attwali u taħt it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE.

(5) Mill-1 ta' Novembru 2002, numru ta' atti tal-KE ġew imdaħħla fil-Ftehim taż-ŻEE permezz ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

(6) Sabiex tiġi ggarantità l-omoġeneità tal-Ftehim taż-ŻEE u s-sigurtà legali għal individwi u operaturi ekonomiċi, għandu jkun ċar li l-atti tal-KE jorbtu lill-Partijiet Kontraenti Ġodda sa mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE.

(7) L-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 jagħti derogi u jadatta whud mill-atti tal-KE li ġew inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE permezz ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE adottat wara l-1 ta' Novembru 2002.

(8) Insegwitu għall-Artikolu 3(5) tal-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE, adattazzjonijiet għall-atti inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE saru meħtieġa minħabba l-parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti Ġodda fil-Ftehim taż-ŻEE, li ma ġewx ipprovduti għalihom fil-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE, ser jiġu indirizzati bi qbil mal-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE.

(9) Insegwitu għall-Artikolu 4(2) tal-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE, kull miżura ta' rilevanza għall-Ftehim taż-ŻEE msemmi fl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-UE tas-16 ta' April 2003, li mhumiex riflessi fl-Anness B tal-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE, ser jiġu indirizzati bi qbil mal-proċeduri stipulati fil-Ftehim taż-ŻEE.

(10) Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu għalhekk jinkorpora dawn l-adattazzjonijiet u d-derogi fil-Ftehim taż-ŻEE.

(11) Kif il-Ftehim taż-ŻEE jestendi s-suq intern għall-Istati ta' l-EFTA, huwa meħtieġ li għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern tiġi applikata din id-deċiżjoni fil-mument eżatt tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-UE u tal-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE.

(12) Ladarba l-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE għadu ma daħalx fis-seħħ, imma japplika biss fuq bażi proviżorja, din id-Deċiżjoni ser, sakemm jidhol fis-seħħ il-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE, tapplika proviżjonalment ukoll,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-Deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE adottati wara l-1 ta' Novembru 2002 huma hawnhekk iddikjarati li jorbtu lill-Partijiet Kontraenti Ġodda.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE msemmija fl-Artikolu 1 ser jiġu mfassla u awtentikati mill-Partijiet Kontraenti fil-lingwa Ċeka, Estona, Ungeriża, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka u Slovena.

Artikolu 3

1. Dan l-inċiż ser jiġi miżjud fil-punti ta' l-Annessi u tal-Protokolli tal-Ftehim taż-ŻEE mniżżel fl-Anness A ta' din id-Deċiżjoni:

— " **1 03 T**: Att dwar il-kondizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka u l-miżuri għat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, adottati fis-16 ta' April 2003 (ĠU L 236, tat-23.9.2003, p. 33)."

2. Jekk l-inċiż imsemmi f'paragrafu 1 huwa l-ewwel inċiż fil-punt in kwistjoni, qablu għandu jkun hemm il-kliem ", kif emendat minn:"

Artikolu 4

L-miżuri transitorji msemmija fl-Anness B ta' din id-Deċiżjoni huma hawnhekk inkorporati u jiffurmaw parti mill-Ftehim taż-ŻEE.

Artikolu 5

It-testi tal-partijiet ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-UE tas-16 ta' April 2003 elenkati fl-Anness C fil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li għandu jiġi ppubblikat fis-Supplement taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, ser ikun awtentiku.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni ser tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Kull ħtieġa kostituzzjonali indikata minn kwalunkwe Parti Kontraenti rigward kwalunkwe deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE msemmi fl-Artikolu 1, mhux ser tintlaqat minn din id-Deċiżjoni.

Din id-Deċiżjoni ser tapplika sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE. Sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE, din id-Deċiżjoni ser tapplika proviżorjament mid-data ta' l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim tat-Tkabbir taż-ŻEE.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni ser tkun ippubblikata fis-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, l-4 ta' Mejju 2004

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

S. GILLESPIE

(*) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.

ANNESS A

Lista msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni

L-inċiż imsemmi fl-Artikolu 3(1) għandu jitniżżel fil-postijiet segwenti fl-Annessi u fil-Protokolli tal-Ftehim taż-ŻEE:

Fl-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji), Kapitolu I (Kwistjonijiet Veterinarji):

— Parti 3.1, Punt 3 (Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE),

— Parti 3.1, Punt 9b (Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE),

— Parti 9.2, Punt 2 (Direttiva tal-Kummissjoni 2002/4/KE),

— Parti 7.1, Punt 12 (Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill);

Fl-Anness II (Regolamenti tekniċi, normi, provi u ċertifikazzjoni), Kapitolu IV (Tagħmir domestiku):

— Punt 4g (Direttiva tal-Kummissjoni 2002/40/KE);

Fl-Anness IV (Enerġija):

— Punt 11g (Direttiva tal-Kummissjoni 2002/40/KE);

Fl-Anness VII (Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali):

— Punt 28 (Direttiva tal-Kunsill 74/557/KEE).

ANNESS B

Miżuri transitorji msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni

Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim taż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1) Fil-Kapitolu III, Parti 1, Punt 10 (Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE), qabel it-test ta' adattament għandu jiddaħħal li ġej:

"Ser japplikaw il-miżuri transitorji stabbiliti fl-Annessi għall-Att ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 għal Ċipru (Anness VII, Kapitolu 5, Taqsima B, Parti II, Punt 2), għal-Latvja (Anness VIII, Kapitolu 4, Taqsima B, Parti II), għal Malta (Anness XI, Kapitolu 4, Taqsima B, Parti II), għas-Slovenja (Anness XIII, Kapitolu 5, Taqsima B, Parti II)."

2) Fil-Kapitolu III, Parti 1, Punt 12 (Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE), qabel it-test ta' adattament għandu jiddaħħal li ġej:

"Ser japplikaw il-miżuri transitorji stabbliti fl-Anness għall-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 03 għal Ċipru (Anness VII, Kapitolu 5, Taqsima B, Parti II, Punt 2), għal-Latvja (Anness VIII, Kapitolu 4, Taqsima B, Parti II), għal Malta (Anness XI, Kapitolu 4, Taqsima B, Parti II), għas-Slovenja (Annesss XIII, Kapitolu 5, Taqsima B, Parti II)."

ANNESS C

Lista msemmija fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni

It-testi tal-partijiet ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-UE tas-16 ta' April 2003 fil-lingwa Iżlandiża u Norveġiża, li għandu jiġi ppubblikat fis-Supplement taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, ser ikun awtentiku.

— Anness II, Kapitolu 3, Punt 2 (Direttiva tal-Kunsill 74/557/KEE),

— Anness II, Kapitolu 6, Taqsima B, Parti I, Punt 83 (Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE),

— Anness II, Kapitolu 6, Taqsima B, Part I, Punt 86 (Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill),

— Anness II, Kapitolu 6, Taqsima B, Part I, Punt 87 (Direttiva tal-Kummissjoni 2001/4/KE),

— Anness II, Kapitolu 6, Taqsima B, Parti I, Punt 89 (Direttiva tal-Kunsill 2002/60/KE),

— Anness II, Kapitolu 12, Taqsima B, Punt 7 (Direttiva tal-Kummissjoni 2002/40/KE),

— Anness VII, Kapitolu 5, Taqsima B, Parti II, Punt 2 (Direttivi tal-Kunsill 2002/53/KE u 2002/55/KE),

— Anness VIII, Kapitolu 4, Taqsima B, Parti II (Direttivi tal-Kunsill 2002/53/KE u 2002/55/KE),

— Anness XI, Kapitolu 4, Taqsima B, Parti II (Direttivi tal-Kunsill 2002/53/KE u 2002/55/KE),

— Anness XIII, Kapitolu 5, Taqsima B, Parti II (Direttivi tal-Kunsill 2002/53/KE u 2002/55/KE).